# L-Iskapular tal-Madonna tal-Karmnu

Miktub minn Odette Gauci Cortis B.A. (Hons.) Hist.

Il-kelma ***skapular*** ġejja mil-Latin li tfisser *spalla*. Illum il-ġurnata l-Iskapular huwa ħaġa importanti u essenzjali għall-ordnijiet reliġjużi. Infatti mhux biss ordnijiet reliġjużi jużaw l-iskapular imma anke kongregazzjonijiet reliġjużi (kemm tan-nisa u kemm ta' l-irġiel) wkoll jilbsu l-iskapular. Dan l-iskapular jintlibes fuq il-ħwejjeġ u fuq is-suttana. Ħafna minn nies jafu aħjar bħala *Labtu*.

Imma biex wieħed jifhem sew fuq xiex qed nikellmu għalkemm kull devot tal-Madonna tal-Karmnu jaf x'inhu dan l-iskapular jew aħjar kif ħafna jafu l-*Labtu*, jiena f'dan l-artiklu ċkejken tiegħi se nagħti naqra informazzjoni fuqu.

## X'Inhu Dan l-Iskapular u Minn Fejn Oriġina?

L-iskapular huwa magħmul minn biċċa drapp li fil-kaz tagħna huwa ta' kulur kannella li jintlibes madwar il-wisgħa tas-sider minn spalla għall-oħra. Dan ġie ivvintat jew aħjar kien jintlibes minn nies komuni ġeneralment kienu jkunu raħħala u bdiewa. Imma dak iż-żmien[1] ma kellu l-ebda skop. Kien jintlibes bħal fardal u jintuża wkoll il-ħin tax-xogħol.

U hekk kif l-istola hija simbolu speċjali li tiddistingwi l-patri, hekk kif għad naraw l-iskapular sar simbolu li jiddistingwi ordni minn oħra. Għax ta' min jinnota li hawn diversi skapulari fosthom l-iktar komuni huma l-iskapular ta' San Benedit, l-iskapular ta' San Ġużepp, l-iskapular tal-Qalb ta' Ġesù, l-iskapular ta' San Duminku u bosta oħrajn.

## L-Iskapular tal-Madonna tal-Karmnu

Imma bla dubju ta' xejn wieħed mill-iktar skapulari magħrufa u mxerrda madwar id-dinja seċjalment ġewwa l-Ewropa huwa l-Iskapular tal-Madonna tal-Karmnu jew aħjar kif inhu iktar magħruf l-Iskapular il-Kannella. Dan l-iskapular huwa l-iktar wieħed imfittex mill-iskapulari ż-żgħar.[2]

L-iktar li jintlibes huwa fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu li taħbat fis-16 ta' Lulju. Huwa probabbli wieħed mill-eqdem skapulari li jeżistu u minnu ġew ispirati ordnijiet reliġjużi oħra li bdew jagħmlu l-iskapular tagħhom fuq l-għamla tiegħu. Skond ma jintqal, il-Verġni Marija dehret lil San Xmun Stock f'Aylesford fl-Ingilterra nhar il-Ħadd 16 ta' Lulju 1251. Dan ġara wara li ġiet maqlugħa t-talba tiegħu, fejn kien talab għall-għajnuna biex jipprova isalva l-ordni tiegħu li kien fi kriżi. Il-Madonna dehritlu bi skapular f'idejha u qaltlu:

"Ħu dan l-iskapular ibni l-għażiż biex iservi bħala sinjal għall-ordni tiegħek u għall-Karmelitani kollha li se jilbsuh ikun iservi bħala sinjal ta' grazzja. Min imut b'dan l-iskapular fuqu mhux se jsofri l-pwieni ħorox ta' l-infern. Dan l-iskapular se jkun sinjal ta' salvazzjoni u jeħles lil dawk kollha li jkunu maħkuma mill-ħsara u d-deni. Ikun ukoll mezz li jġib il-paċi."

Minn dakinhar dan l-iskapular beda jsir popolari u beda jiġbed ħafna devozzjoni tant li f'qasir żmien inxtered madwar il-pajjiżi Ewropej



kollha. Dan ġara speċjalment fis-seklu sittax. Dan l-iskapular ġibed u kabbar iktar id-devozzjoni lejn il-Madonna u ħafna kienu jilbsuh kuljum. U kienu jaqilgħu grazzji kbar permezz tiegħu.

Barra li min kien jilbes dan l-iskapular kien jeħlisha milli jmur l-infern dan l-iskapular kellu wkoll privileġġ ieħor magħruf bħall-*Privileġġ Sabbatin*. Dan kien li billi Marija li barra li hija Omm Kristu hija wkoll omm il-bnedmin kienet żgur se taqbeż għall-bniedem quddiem binha. U dan speċjalment f'jum is-Sibt li huwa l-jum iddedikat lilha.

Il-Madonna dejjem żammet kuntatt magħna l-bnedmin u dejjem żammet kelmitha. U żgur u mhux forzi li bħalma t-talba tar-Rużarju (speċjalment jekk jintqal kuljum) taqla' grazzji kbar hekk ukoll min jilbes l-iskapular tal-Madonna tal-

Karmnu se jaqla' grazzji kbar kemm matul hajtu kif ukoll meta jmut.

U żgur u mhux forsi jekk illum il-ġurnata wieħed jagħti daqqa ta' għajn madwaru speċjalment f'Malta u Għawdex jinduna li dan l-iskapular għandu jiġbed lejn hafna devozzjoni. Hafna nies ta' kull sena jinkitbu biex jissieħbu membri. U xi nghidu għal waqt il-purċissjoni. Eluf huma l-Maltin u l-Għawdxin li huma devoti tal-Madonna tal-Karmnu. Xhieda ta' dan narawh fl-attendenza waqt il-jiem tal-festa kemm għall-festi interni kif ukoll għall dawk esterni. Jalla din id-devozzjoni tkompli tintired minn ġenerazzjoni għall-oħra ħalli ulied uliedna jkomplu jgawdu l-frott li bdew missirijietna.

[1] Qed nirreferi għaż-żminijiet tan-nofs (seklu 10-15).

[2] Ghax jeżistu diversi tipi ta' skapulari ta' diversi daqs u għamla. Hemm l-iskapulari l-kbar u hemm dawk żgħar u kull skapular għandu l-kulur partikolari tiegħu skond ta' liema ordni jkun, per eżempju: l-iskapular tat-Trinità huwa ta' kulur blu u aħmar, l-iskapular tad-Duluri huwa ta' kulur iswed u tista' tibqa' ssemmihom kollha.

**Riferenzi**

Artiklu li jinsab fl-arkivju tal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ dwar id-devozzjoni tal-Madonna tal-Karmnu.
The Catholic Encyclopedia – artiklu *Skapular*.

IL-ĠIFEN SNACK BAR
277, Saint Paul's Street Valletta • Tel: 2124 4698
*(faċċata tal-knisja ta' San Pawl)*
Keith Carabott

FRANS

Children's Wear
188 Merchant Street,
Valletta.
Tel/Fax: 2124 7395

MALATA
*RESTAURANT*
OPEN FOR
LUNCH & DINNER
MONDAY TO SATURDAY
CLOSED ON SUNDAY
Palace Square
Valletta – Malta
Tel: 2123 3967